PDF Compressor Pro





Membri tal-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut flimkien mal-familji tagħhom waqt il-ftuħ tal-wirja



L-akwarju li l-iktar li għogob lill-ġurija kien tad-Discus ta' Charles Pisani minn Sannat

# Wirja ta' Ħut Tropikali fil-Gżira Għawdxija

**b'ritratti ta' Charles Spiteri**

Il-festa ta' Santa Marija ġabet xogħol iżjed mis-soltu għall-membri Għawdxin tal-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut minħabba li f'dawn il-jiem ta' festi huma organizzaw it-tmien wirja annwali tagħhom. Ittellgħet fis-sala tal-iskola l-qadima Ninu Cremona. Il-wirja nfetħet uffiċjalment mill-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex.

Kien hemm total ta' wieħed u għoxrin akwarju għall-wiri, b'varjetà ta' ħut ta' kull daqs u għamla. Kull esibitur ħa ħsieb li jipprepara l-akwarju tiegħu skond it-tip ta' ħut li kien bi ħsiebu jesibixxi – akkwarju bi pjanti ħajjin għal ħut bħal *Angelfish, Tetras* u *Barbs*, iżda akwarju ġebel u għerien għal ħut bħal *Tanganiyka cichlids*. B'hekk in-nies li marru jaraw il-wirja minbarra li raw varjetà ta' ħut kellhom ukoll idea ta' fejn u kif jgħix dan il-ħut.



Charles Grima, il-President tal-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut juri l-akwarju rebbieħ lil Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex waqt il-ftuħ tal-wirja

L-akwarji li l-iktar laqtu lill-ġurati din is-sena kienu akwarju bid-*Discus* ta' Charles Pisani, akwarju bil-*Butterfly Koi* ta' George Scerri u l-akwarju ta' Leon Muscat li kien fih *Tanganyika Cichlids*. Dawn hadu l-ewwel, it-tieni u t-tielet post rispettivament.

Il-wirja li jmiss tal-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut ser tkun bejn it-8 u s-16 t'Ottubru 2011, fis-sala prinċipali tal-isptar *Mount Carmel*, Ħ'Attard.



Leon Muscat u bintu Chantelle min-Nadur, jaraw l-akwarju tagħhom li kien fih Tanganyika cichlids. Dan rebaħ it-tielet post



Ruth Fiteni mix-Xagħra u Elaine Azzopardi minn Sannat qegħdin jaraw l-akwarju tal-Barbs ta' Dun Gerard Buhagiar



Is-Sur George Scerri u bintu Philippa jaraw il-Butterfly Koi tagħhom li din is-sena rebħet it-tieni post


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***




Grupp ta' tfal jisimgħu lis-Sur Martin Vassallo jitkellem dwar iċ-Cichlids